# L-ISTORJA TAL-KORIJIET FIL-MARSA

**Kitba ta' ANTON CASSAR**

Ta' kull sena f'dan il-ktieb ta' tifkira qiegħdin inġibu kitba dwar xi suġġett li hu ta' interess għall-Parroċċa tagħna jew li hu marbut mal-Marsa. Is-sena li għaddiet kellna kitba dwar Lazzaro Pisani, il-pittur tal-kwadru titolari tal-knisja tagħna tas-S.S.ma Trinità.

Din is-sena għażilna bħala suġġett, il-Korijiet fil-Marsa. Din ma għandhiex titqies bħala l-istorja sħiħa tal-korijiet fil-Marsa, imma qafas ta' kitba biex 'il quddiem l-istorja tal-Kor tal-Marsa tkun tista' tinkiteb aħjar.

Għażilna dan is-suġġett tal-Korijiet għaliex il-Kor, barra li hu marbut mas-servizz liturġiku tal-Knisja huwa wkoll marbut mal-banda. Il-Kor tal-Marsa kull sena jkanta l-Innu sabiħ tagħna lis-S.S.ma Trinità u jkanta wkoll f'okkażjonijiet speċjali tal-Banda.

Għażilna wkoll dan is-suġġett għaliex fil-Każin tal-Banda kienet twieldet darba Soċjetà tal-Kor, u dan il-Kor x'aktarx li kien l-ewwel kor formali fil-Marsa. Il-Każin tal-Banda tagħna kien sa mill-bidu tat-twaqqif tiegħu benniena ta' ħidmiet soċjali, kulturali u ċiviċi. Hekk naraw li mill-Każin tal-Banda kienet ħarġet l-inizjattiva biex jitwaqqaf Kunsill Ċiviku fil-Marsa u fil-każin tagħna, kienu minn żmien għall-ieħor jiltaqgħu diversi soċjetajiet, fosthom dan il-Kor tal-Marsa, il-Fergħa tal-Marsa tal-Moviment tal-Malti, l-Għaqda tal-S.K.S. (Soċjetà, Kultura, Sport), id-Dockyard Apprentices Sports Association, il-Kumitat tar-Regatta u l-Kumitat tal-Marsa Tennis Club u oħrajn.

## IL-MARSA CHOIR SOCIETY

Patri Donat Spiteri, saċerdot mill-Marsa u ex-Kappillan ta' din il-parroċċa, fil-ktieb tiegħu "Il-Marsa – Storja ta' Ħamsin Sena 1913–1963" igħid hekk: "Nistgħu ngħidu li l-Kor ġie inawgurat uffiċjalment fil-Pentekoste tas-sena 1960, meta ħa sehem għall-ewwel darba bħala tali fil-Knisja waqt il-quddiesa solenni. Snin qabel kienu saru xi tentattivi biex jiġi iffurmat Kor formali u għal xi żmien eżista wkoll. Kien jiltaqa' l-iktar għal xi okkażjonijiet speċjali bħall-festa tal-Ġimgħa l-Kbira. Xogħol li kien isir l-iktar bil-ħidma tal-magħrufa pjanista Mrs Mary Flores."

It-tentattivi li saru snin qabel biex jiġi iffurmat Kor formali li jsemmi Patri Donat x'aktarx li jirriferixxu għat-twaqqif tal-Marsa Choir Society li kienet tiltaqa' fil-Każin tal-Banda "Holy Trinity".

Imma qabel ma twaqqaf dan il-Kor, immedjatament wara l-gwerra, meta ma kienx hawn Kor u l-liturġija kienet bil-Latin, kienu jkantaw l-abbatini u ġie li kantaw magħhom il-kbar, fosthom xi patrijiet u Ġużeppi Caruana li kien jagħmilha wkoll ta' sagristan. F'dan iż-żmien kien hawn ukoll Patri Pawlin Said li kien organista u kien jgħallem ukoll it-tfal ikantaw. Huwa kien għallem lit-tfal, l-Innu lis-S.S.ma Trinità ta' Mro Casapinta li kien sar mill-Kumitat tal-Festa ta' Triq Zerafa.

Il-Marsa Choir Society kienet twaqqfet fis-sena 1954 fi żmien il-parrokat ta' Patri Feliċjan Bilocca u din kellha l-Kumitat u l-Istatut tagħha. Jiena kont il-President ta' din is-Soċjetà korali u s-Segretarju kien is-Sur Salv Muscat, li dik il-ħabta kien Membru fl-Azzjoni Kattolika, bħalma tista' tgħid kienu l-Membri kollha ta' dan il-Kor. L-Azzjoni Kattolika tal-Ġuvintur, dik il-ħabta kienet tiltaqa' fil-kantina ta' taħt il-knisja, fejn illum hemm iċ-ċentru tal-Kumitat Festi Esterni. Din is-soċjetà korali kienet indipendenti kemm mill-Knisja, kemm mill-Banda kif ukoll mill-Azzjoni Kattolika, imma kienet tieħu sehem fil-funzjonijiet tal-Knisja l-iktar fil-Ġimgħa l-Kbira.



**Il-Membri tal-Marsa Choir Society qed jagħmlu l-prova flimkien mat-tfal ta' l-Istitut ta' San Ġużepp taħt id-direzzjoni ta' Fr. Lawrence Attard. Il-Membri tal-Kor jidhru fuq quddiem mix-xellug għal-lemin: Ġanni Saliba, Guido Mercieca, Ġużi Vassallo, Feliċ Galea, Ġeraldu Attard, Vincent Siminiana, Anton Cassar, Salvu Muscat, Joe Vassallo u George Mallia.**

Il-Kor tal-Marsa Choir Society kellu fis-snin li dam attiv, tliet diretturi, l-ewwel kellu lil Fr. Lawrence Attard tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Illum Fr. Attard jinsab f'Perth, l-Awstralja u sar saċerdot dijoċesan. Warajh, il-Kor kellu bħala Direttur lill-Patri Pawl Pisani tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali u warajh lil Mro Carlo Zammit.

Il-Kor tal-Marsa Choir Society kien jagħmel il-kunċerti tiegħu fil-Każin tal-Banda u ġie li għamel ukoll il-kunċerti fl-Istitut ta' San Ġużepp, f'Santa Venera. Miegħu kienu jieħdu sehem ukoll it-tfal orfni ta' l-Istitut. Dan il-kor tal-Marsa kien kanta l-kor ta' l-opra Nabucco ta' Giuseppe Verdi mal-Banda "Holy Trinity" meta l-Isqof Mons. Francesco Fenech ta' Jhansi, fl-Indja kien għamel żjara lill-Każin tal-Banda.

Il-Kor tal-Marsa Choir Society kien jieħu sehem fis-servizz tal-Ġimgħa l-Kbira, meta kien ikanta s-Seba' Kelmiet waqt l-Adorazzjoni tas-Salib. Kienet iddoqq l-orgni Mrs Mary Flores.

## MRS MARY FLORES

Nistgħu ngħidu li Mrs Mary Flores, fejn jidħlu l-korijiet, kienet dejjem preżenti minn mindu ġiet il-Marsa fl-1944. Għad hemm xebbiet fil-Kor li ilhom ikantaw minn mindu kienu żgħar, fosthom Evelyn Dimech li qalet li "meta konna żgħar, konna ninġabru fil-għodu nhar ta' Ħadd fiċ-Ċirkolu tax-Xebbiet ta' l-Azzjoni Kattolika li kien fil-kantina, taħt l-uffiċċju tal-Kappillan u l-Presidenta kienet tgħallimna l-kant Gregorjan bl-amment u xi Innijiet Ewkaristiċi u tal-Madonna. Kienet iddoqq l-orgni Mrs Mary Flores. Kienu għal xi żmien jgħallmuna Fr. Lawrence Attard, is-Sur Carlo Zammit u Fr. Henry."

Meta sar Kappillan Patri Feliċjan Bilocca, kien avviċina lil Mrs Mary Flores li kienet iddoqq l-orgni fil-Knisja u kienx staqsieha: "Inti ma intix Mary Pace li kont iddoqq il-pjanu fis-silent films fir-Regent, il-Belt?"

Għall-bidu, meta fil-Marsa ma kien hawn l-ebda kor, tfajliet ta' l-Azzjoni Kattolika kienu jiltaqgħu fis-sede tagħhom, taħt l-uffiċċju tal-Kappillan. Magħhom f'dan iż-żmien kien hemm Miss Giovanna Bonnici u Lela Attard, tal-Qamħirrun, illum Mrs Buttigieg.

Mrs Flores kellha wkoll lil bintha, Letitia, li kienet taf ukoll il-mużika. Meta kienet inbniet il-Knisja tal-Madonna tad-Dmugħ, kien jitla' kor żgħir li kien ikun organizzat minn Miss Giovanna Bonnici u kienet iddoqq l-orgni Letitia, bint Mrs Flores.

Mrs Mary Flores damet iddoqq fil-Knisja tal-Marsa mat-32 sena. Hija telqet mill-Marsa fl-1976 u marret toqgħod ma' bintha Letitia (illum Mrs Zammit) f'H'Attard. Illum Mrs Flores għandha 76 sena, għadha tagħti l-lezzjonijiet tal-pjanu u kull nhar ta' Ħadd iddoqq fil-Quddiesa tat-8.00a.m. fil-Knisja ta' Santa Marija ta' H'Attard.

## PATRI ANSELMU BARTOLO

Patri Anselmu Bartolo ġie fil-parroċċa tal-Marsa fl-1959 bħala Viċi Parroku u bħala organista. Naturalment Mrs Flores kienet dejjem hemm. Patri Anselmu qalli: "Qisu għall-bidu tal-1960 inġbarna lkoll u kien hemm Mrs Flores u jiena għidtilha: 'Jew indoqq jien u inti tidderieġi, jew iddoqq int u jiena nidderieġi'. Mrs Flores għażlet li ddoqq. Il-ħaġa tant intgħoġbot u xegħlet li jiena għidtilhom lit-tfajliet u l-ġuvintur li kien hemm miġbura: 'Inkomplu hekk kif aħna' u bdejna nagħmlu l-kunċerti kuljum. Saru l-uniformijiet u l-badges bil-kliem "Marsa Choir" fuq il-pavru."

Dan kien wieħed mill-isbaħ perijodi tal-Kor tal-Parroċċa tal-Marsa. Il-Kor kien magħmul minn tfajliet u ġuvintur li l-biċċa l-kbira kienu membri ta' l-Azzjoni Kattolika, taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara u ta' għaqdiet oħra reliġjużi.



**Il-Kor tal-Marsa meta kanta lill-Morda fl-Isptar San Luqa fiċ-Ċentinarju Pawlin fl-1960. Kien ħa ritratt magħhom l-Isqof Franċiż li kien ġie għaċ-ċentinarju. Jidhru wkoll ħdejn l-Isqof, is-Sur V. Darmanin, Segretarju tal-Ministru tas-Saħħa, Patri Pietru, Provinċjal, Patri Anselmu, il-Maġistrat Salomone Reynaud u Patri Dijonisju.**



**Tfajliet u ġuvintur tal-Kor tal-Marsa flimkien ma' Patri Anselmu, quddiem l-Isptar San Luqa fiċ-ċentinarju Pawlin fl-1960.**



**Il-Kor tal-Marsa taħt id-direzzjoni ta' Patri Anselmu jkanta f'okkażjoni tas-Sezzjoni tal-Marsa taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara.**

Fi żmien Patri Anselmu, il-Kor barra li kien ikanta fis-servizzi reliġjużi tal-Parroċċa kien ikanta wkoll għana tal-muntanji u kant ieħor fil-Jhansi Hall għall-ġenituri tat-tfal tal-Kor, għall-Azzjoni Kattolika u għaż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara.

Il-Kor kien kanta wkoll f'dawn l-okkażjonijiet li ġejjin:

Għall-morda fl-Isptar San Luqa fiċ-Ċentinarju Pawlin, fl-Università l-Qadima, il-Belt, fil-Knisja ta' Raħal Ġdid, fid-Domus, iż-Żejtun, fl-Istitut Kattoliku u fuq il-Fosos, il-Furjana, f'San Remo, il-Ħamrun għaż-Ż.Ħ.N., fl-inawgurazzjoni ta' l-Istitut San Piju X, fl-Akkademja li saret fil-festi ta' għeluq il-50 sena tal-Parroċċa tas-S.S.ma Trinità, f'quddiesa ta' saċerdot novell, il-Kalkara u fil-Knisja tal-Madonna tad-Dmugħ (Illum Marija Reġina).

L-ewwel Kor mill-Marsa li kien kanta l-Innu lis-S.S.ma Trinità ta' Mro J.M. Barbara, mal-Banda "Holy Trinity" kien il-Kor ta' Patri Anselmu u dan kien fl-1960. Qabel dan l-Innu kien jitkanta mill-Kor tal-Ħamrun. Il-Kor tal-Marsa ta' Patri Anselmu kien kanta wkoll għall-ewwel darba l-Innu Marċ tal-Banda "Holy Trinity".

Patri Anselmu spiċċa minn Direttur tal-Kor fl-1964, meta kienu bagħtuh jagħmel servizz iċ-Ċimiterju u ma setax ikompli. Huwa mbagħad serva wkoll fl-Isptarijiet.

## PATRI MARK CAMILLERI

Wara Patri Anselmu kien sar Direttur tal-Kor Patri Mark Camilleri mill-Imqabba, li miegħu kellu tgħinu lil Mrs Flores ukoll. Dan kien fis-sena 1965. Fi żmien Patri Mark kienu jiġu jdoqqu l-orgni s-Surmast Carlo Zammit u s-Surmast Abel Mizzi. Nhar il-Ħadd, 13 ta' Novembru, 1966 fil-Knisja Parrokkjali tal-Marsa saret Akkademja



**Il-Kor tal-Marsa jkanta fil-Jhansi Hall fl-1960 fl-okkażjoni tal-Festa tal-Ġenituri.**

Mużiko-Letterarja fl-okkażjoni tal-ħatra ta' Patri Donat Spiteri bħala lecturer ta' l-Iskrittura fl-Università. Il-Kor li ħa sehem kien ta' Patri Mark Camilleri u d-direzzjoni kienet ta' Mro. Carlo Zammit. Patri Mark mar l-Ingilterra u sar qassis dijoċesan hemmhekk.

Dwar iż-żmien ta' Patri Mark, bħala Direttur tal-Kor, ftit irnexxieli nikseb tagħrif, ħlief li għall-ewwel kellu Kor ta' kbar u tfal u fl-aħħar kien spiċċa Kor bit-tfal.

## PATRI DOMENIC MANGANI

Il-Kor imbagħad għadda f'idejn Patri Domenic Mangani. Huwa ġie l-Marsa bħala Viċi-Parroku fit-28 ta' Novembru, 1972 u dam sad-9 ta' Settembru 1977, meta mar Għawdex bħala Majjistru tan-Novizzi. Huwa ġie lura u fis-26 ta' Jannar, 1983 sar Kappillan tal-Parroċċa tas-S.S.ma Trinità tal-Marsa.

Mill-1972 sal-1977 Patri Domenic Mangani kien Direttur tal-Kor li kien magħmul minn xebbiet u ġuvintur u tfal, iżda iktar xebbiet u bniet żgħar. Patri Mangani kellu wkoll tgħinu Mrs Flores li kienet iddoqq l-orgni. Huwa kien imexxi u jgħallem it-tfal flimkien ma' Mrs Flores.

Meta intervistat, Patri Mangani qal: "Meta telqet Mrs Flores, daħlet tgħini Mary Anne Buttigieg, illum miżżewġa Zammit. Kienet organista u kienet daħlet flok Mrs Flores. Kienet tgħin ukoll Lilly Digby. Meta tlaq jien, kienet ħadet ħsieb il-Kor Sister Carmelina Farrugia miż-Żurrieq. Hi kienet organista u kien imexxi l-Kor bħala Direttur Mario Rolè."

Patri Mangani qal li l-iskop tal-Kor hu li jgħin fil-liturġija tal-Knisja. Il-Kor kien ikanta fil-Quddiesa Kantata ta' nhar ta' Ħadd, li biż-żmien inqatgħet, għaliex illum il-




**Il-Kor tal-Marsa taħt id-direzzjoni ta' Patri Domenic Mangani. F'dan ir-ritratt jidhru wkoll il-Kappillan Patri Diegu Theuma u Mrs Mary Flores. Dan huwa l-aħħar ritratt li ħadet Mrs Flores qabel ma telqet mill-Marsa.**

poplu iktar jipparteċipa għax ikanta fil-quddies. U hemm kant bil-Malti magħmul apposta.

Fi żmien Patri Mangani kienu bdew isiru l-Għosrien tat-Tridu tal-Festa bil-Malti, dejjem effett tar-riforma fil-liturġija. Imbagħad din il-ħaġa kienet bdiet issir ukoll fil-Festa ta' San Franġisk u fil-Festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Żmien wara kien hawn il-Folk Group li kien idoqq fil-Quddiesa tat-8.00 a.m. kull nhar ta' Ħadd.

Illum hemm ukoll il-Grupp ta' Talb Kareżmatiku "Beyond Thyself" li jieħu parti f'xi ċirkostanzi partikolari, per eżempju għamlu l-Jesus Festival "Jiena Magħkom" li hija Praise Opera. Din is-sena għamlu l-Pageant tal-Passjoni fil-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira.

## PATRI ANTON BRIFFA

Wara mbagħad il-Kor għadda f'idejn Patri Anton Briffa, li huwa d-Direttur tal-Kor tal-Parroċċa tal-lum. Patri Anton Briffa qaddes fl-1974 u kien mar fil-Kunvent ta' Sant'Antnin f'Għajn Dwieli. Huwa ġie l-Marsa fl-1977, bħala Viċi-Parroku, Organista u Direttur tal-Kor. Huwa beda jitgħallem il-mużika mal-Patrijiet fi żmien in-Novizzjat u l-Istudentat tiegħu. Meta kien student tal-filosofija u tat-teoloġija kien jitgħallem il-kant taħt id-direzzjoni ta' Dun Karm Xerri tan-Naxxar, li kien organista tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.

F'intervista li għamiltlu, Patri Anton Briffa qalli: "Sibt Kor li kien jissejjaħ Folk Group. Dan kien Folk Group ta' l-Azzjoni Kattolika, li kien jaqdi l-Knisja u l-Azzjoni Kattolika.

"Wara xi sena indunajt li dawn it-tfajliet, li uħud minnhom kienu namrati u għarajjes u għalhekk kienu se jiżżewġu u kien hemm ukoll min kien għal soru, indunajt li dawn, kont se nitlef ħafna minnhom. Allura ippruvajt nibni Kor iktar stabbli u li jkun magħmul minn nisa miżżewġin u xebbiet kbar, li jkunu jistgħu jżommu l-impenn tagħhom u ta' iktar maturità.



**Il-Kor tal-Marsa taħt id-direzzjoni ta' Patri Anton Briffa. Dan ir-ritratt kien ittieħed fl-1980 qabel ma Patri Anton kien mar biex jagħmel kors ta' studju fil-mużika f'Ruma.**



Il-Kor tal-Marsa taħt id-direzzjoni ta' Patri Anton Briffa kien kanta fl-Akkademja li kienet saret fil-Knisja tas-S.S.ma Trinità tal-Marsa fl-egħluq tal-400 sena tal-Kapuċċini f'Malta.



Il-Kor tal-Marsa qiegħed ikanta fl-Akkademja li kienet saret fil-Knisja tas-S.S.ma Trinità f'egħluq l-40 sena tal-Banda "Holy Trinity".

"F'xi ċirkostanzi daħħalt ukoll irġiel, per eżempju fil-liturġija tal-Ġimgħa l-Kbira. L-irġiel kienu iktar diffiċli, donnhom jaħsbu li l-kant hu iktar xi ħaġa tan-nisa milli ta' l-irġiel. Ma narax li hawn il-Marsa hawn ħeġġa jew inklinazzjoni għall-kant fost l-irġiel.

"Il-Membri tal-Kor kienu jkantaw fil-festi prinċipali li jsiru fil-parroċċa. Għall-provi kienu jiltaqgħu minn darba sa darbtejn fil-ġimgħa u l-irġiel kont inlaqqagħhom darba fil-ġimgħa għalihom biss. Kienu jieħdu parti billi jkantaw fin-Novena ta' l-Avvent fil-Milied sal-Festa ta' l-Epifanija, l-Ewwel tas-Sena, il-Festa tas-Sagra Familja, fil-funzjonijiet kollha ta' Ħadd il-Palm u l-Ġimgħa l-Kbira, bl-Għid b'kollox. Għid il-Ħamsin, u t-Tridijiet sat-Te Deum tas-Sibt ta' lejlet il-Festa tas-S.S.ma Trinità. Il-Kor ikanta wkoll fil-Kwaranturi u fil-festa ta' Corpus, fil-festa ta' San Franġisk, fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju u f'festi tipikament tal-Parroċċa, bħalma huma Jum il-Parroċċa, il-Preċett, il-Griżma ta' l-Isqof, il-Ġimgħa tal-Familja u oħrajn.

## GĦALL-ISTUDJU F'RUMA

Patri Anton Briffa mbagħad telaq lejn Ruma fl-1980, u dam sal-1984, fejn għamel kors ta' studju fil-mużika fil-Pontificio Istituto di Musica Sacra taħt surmastrijiet magħrufa, bħal Mons. Domenico Bartolucci, Maestro di Cappella tal-Kappella Sistina u Loreto Bucci, Maestro di Cappella ta' San Ġwann Lateran, Armando Renzi, Maestro di Kappella tal-Kappella Giulia, Eric Arndt, organista titolari tal-Bażilika ta' San Pietru. Huwa studja wkoll mal-Patrijiet Benedittini, Raffaele Baratta u Abate Bonifacio Boroffo. Fi tmiem il-kors tiegħu huwa iggradwa Magister fil-kant Gregorjan u ħa l-liċenzjat fil-Mużika Sagra.

Sadattant fl-assenza tiegħu minn Malta, il-Kor kien tmexxa minn diversi persuni fosthom Mario Role, Sister Carmelina, Mary Anne Buttigieg u Joe Abela kien idoqq l-orgni. Meta ġie lura minn Ruma, Patri Anton Briffa qal li reġa' ġabar il-Membri tal-Kor. L-ikbar problema kienet dejjem ta' l-irġiel.

## IL-KOR IKANTA B'ERBA' VUĊIJIET

Ħaġa ġdida li huwa daħħal fil-Kor, meta reġa' lura minn Ruma kienet li l-Kor li qabel kien ikanta b'żewġ vuċijiet, issa beda jkanta wkoll b'erba' vuċijiet, xogħol polifoniku ta' awturi, bħal Bach, Perosi, Bartolucci u xogħlijiet ta' Patri Anton Briffa stess, fosthom il-Cantata Agimus Tibi Gratias. L-innijiet għall-festi ġew irranġati għal erba' vuċijiet, bħalma hi l-Quddiesa Nru 2 ta' Dun Karm Xerri.

Tkompliet it-tradizzjoni li l-Kor tal-Marsa jkanta fl-Innu tas-S.S.ma Trinità li l-Banda "Holy Trinity" tesegwixxi fuq iz-Zuntier lejlet il-festa tas-S.S.ma Trinità.

Il-Kor tal-Parroċċa tal-Marsa, taħt id-direzzjoni ta' Patri Anton Briffa ħa sehem fil-festi li saru meta ġiet il-vara tas-S.S.ma Trinità u kien kanta l-Antifona tat-Trinità miktuba bil-Malti, proprju għal din l-okkażjoni titulari b'mużika ta' Patri Anton Briffa. Kopja ta' li "score" orkestrali ta' din l-Antifona kienet ġiet ippreżentata minn Patri Anton Briffa lill-Każin tal-Banda "Holy Trinity" fl-1989.

Kif qegħdin naraw il-Kor tal-Parroċċa tal-Marsa għandu storja u qiegħed jibni tradizzjoni sabiħa li hemm bżonn tkompli tissaħħaħ. Iktar xebbiet u ġuvintur u iktar nisa u rġiel u speċjalment irġiel, għandhom jidħlu biex jieħdu sehem fil-Kor tal-Parroċċa tas-S.S.ma Trinità tal-Marsa. Hija ħaġa sabiħa li dejjem ikollna Kor tajjeb fil-Marsa. Din il-ħaġa tkun turi wkoll li aħna nkunu qegħdin mexjin 'il quddiem f'dak li hu apprezzament ta' dak kollu li hu sabiħ u fil-kultura.

* * *

Dan it-tagħrif inkiseb bl-għajnuna u l-kooperazzjoni ta' dawn is-sinjuri li ġejjin u rrid niżżihom ħajr: Patri Domenic Mangani, Patri Anton Briffa, Patri Anselmu Bartolo, Mrs Mary Flores u bintha Mrs Letitia Zammit, is-Sur Salv Muscat, is-Sur Felic Galea, Miss Evelyn Dimech u Miss Maggie Gravino.